# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 197/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Pisani**

Seduta tat-28 ta' Settembru 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Joseph Pisani, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 493073M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru 2015, fil-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas milli jaghti lil Claire Pisani is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal

uliedu fi zmine histax-il jum minn dak il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 t' April, 2016 li biha sabet lill-appellant u ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 t' April, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skont din id-dikjarazzjoni. Alternattivamnet u minghajr pregudizzju f'kaz li l-ewwel aggravju tieghu ma jintlaqax, tilqa' t-tieni aggravju tieghu u joghgobha thassarha u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu u tilliberah skont il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tkun mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-udjenza tal-lum, l-appellant iritira l-ewwel zewg aggravji tieghu u zamm ferm dak dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti u

dan wara li l-parte civile ddikjarat illi ppercepiet il-manteniment kollu dovut mill-appellant mertu ta' dan l-appell;

2. Illi ghalhekk l-appell odjern issa jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti;

3. Fl-udjenza tal-llum, il-parte civile ddikjarat li l-appellant ottompera ruhu wara li inghatat s-sentenza appellata u b'hekk issalda d-debitu tieghu fl-intier;

4. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut.

5. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.